**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Novembru, 2019**

**Rikors nru: 31/17 AGV**

**AB f'ismu proprju u f'isem ibnu minuri CB**
**Vs**
**DB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur ipprezentat fis-7 ta' Frar, 2017 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fit-28 ta' Marzu, 1982 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok.A.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu erba' ulied, u cioe' E li twieled fit-22 ta' Settembru, 1982 li llum ghandu 34 sena, F li twieled fit-28 ta'

Jannar, 1984 u llum ghandu 33 sena, C li twieled fl-10 ta' Settembru, 2000 li llum ghandu 16-il sena u G li twieled fit-23 ta' Dicembru, 2002 li llum ghandu 14-il sena u dan kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati Dok.B, Dok.C, Dok.D u Dok.E rispettivament.

3. Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minhabba abbandun, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-attrici u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment kif se jirrizulta fil-kors tal-kawza.

4. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma waslitx ghall-ftehim bonarju u dan kif jirrizulta mill-anness dokument immarkat Dok.C.

5. Illi l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti ghandha tigi xolta u likwidata.

6. Illi l-kura u kustodja tal-minuri C u G jehtieg li tigi affidata lill-attur fl-ahjar interess tal-istess minuri.

7. Illi jehtieg li jigi ffissat manteniment ghall-attur u ghal binhom minuri C.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B minhabba abbandun, sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi kommessi mill-konvenuta kontra zewgha l-attur u minhabba li z-

zwieg tkisser irrimedjabbilment, oltre dan, u tawtorizza lill-attur ighix separatament mill-konvenuta.

2. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48,50 u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenuta titlef kull jedd li ghandha ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila tal-attur u dan minn data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenuta tkun tat lok illi ssir din is-separazzjoni.

3. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' periti nominandi.

4. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali.

5. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri C u G, tigi fdata eskluzzivament lill-attur.

6. Tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-attur u lil binhom minuri C U G manteniment adegwat li joghgobha tiffissa din l-Qorti skond il-bzonnijiet tal-istess attur u l-minuri u l-mezzi tal-konvenuta, bil-modalita' ta' hin, lok u gurnata ta' pagament li tigi ukoll stabbilita, inkluz provvediment ghaz-zieda periodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mis-salarju u kwalunkwe introjtu iehor tal-konvenuta.

7. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjes, inkluz l-ispejjes tal-atti tal-medjazzjoni, kontra l-konvenuta ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenuta li eccepiet:-

1. Illi hija taqbel mar-rikorrenti ghat-talba tas-separazzjoni personali izda dawn mhux ghar-ragunijiet premessi minnu stante illi l-htija ghandha tigi attribwita unikament lir-rikorrent kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

   Illi hija tichad bil-qawwa li hija abbandunat lill-familja, anzi a kuntrarju ta' dan, hija kellha titlaq mid-dar matrimonjali u tmur tirrisjedi gewwa xelter ghas-sigurta' taghha u tal-minuri G li ghandu l-kundizzjoni tad-down syndrome u dan minhabba li l-attur kien ferm vjolenti fizikament u emozzjonalment fil-konfront taghhom.

   Ghalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti in kwantu jimputaw xi tort lill-eccipjenti ghall-ksur tal-hajja mizzewwga huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes u huwa r-rikorrent li ghandu jinstab hati tal-firda tal-kontendenti minhabba li naqas milli jottempera ruhu mal-obbligi matrimonjali u ukoll hu hati ta' vjolenza, swat, theddid, ingurji, sevizzi u minaccji, fost affarijiet ohra, li rrendew il-hajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli tant li l-esponenti u t-tifel minuri kellhom jitilqu mid-dar matrimonjali ghas-sigurta' taghhom u dan ai termini tal-Artiklu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkontesta t-tieni talba ghaliex kif ser jirrizulta mill-provi huwa proprju r-rikorrenti illi huwa hati ghat-tifrik taz-zwieg u ghalhekk l-

esponenti m'ghandha tbati l-ebda sanzjonijiet u/jew dekadenza hekk citati mir-rikorrent u stipulat fil-Ligijiet ta' Malta. Illi, inoltre, kif ser jigi ppruvat ir-rikorrenti ddekada ghad-dritt ta' manteniment ghar-ragunijiet imsemmija.

3. Taqbel mat-tielet talba tar-rikorrenti.

4. Taqbel parzjalment mar-raba' talba stante illi l-istess komunjoni ghandha tigi liwidata, izda l-esponenti m'ghandha bla ebda mod tbati xi nuqqasijiet fil-likwidazzjoni tal-istess komunjoni.

5. Tikkontesta b'mod assolut il-hames talba stante illi hija dejjem hadet hsieb ghall-bzonnijiet tal-minuri C U G tul iz-zwieg, izda minhabba l-abbuz fiziku li kien qed isir fuq il-minuri G, l-esponenti giet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali ghas-sigurta' tal-istess minuri u tmur tirrisjedi gewwa xelter. Ghalhekk, l-esponenti hi l-aktar genitur idoneju sabiex tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-istess minuri C u G dan skond il-modalitajiet u l-kundizzjonjiet imposti minn dina l-Onorabbli Qorti.

6. Tichad is-sitt talba tar-rikorrenti fis-sens illi r-rikorrenti ghandu jmantni lill-uliedu *qua* genitur, ir-rikorrenti ghandu l-obbligu u r-responsabbilita' sabiex imantni lill-uliedu b'mod adegwat b'dan illi jghaddi manteniment ghall-uliedu C U G u jipprovdi ukoll ghas-sahha u edukazzjoni tal-imsemmija minuri. Illi ghaldaqstant, din it-talba ghandha tigi michuda, stante illi l-minuri ghandhom jigu fdati fil-kura taghha peress illi l-esponenti dejjem kienet prezenti ghall-istess trobbija tal-minuri u l-ftit hin li r-rikorrenti kien maghhom huwa kkommetta sevizzi, mohqrija u ngurji gravi fuq l-istess ulied.

7. Taqbel mas-seba' talba.

8. Illi l-esponent topponi ghall-ispejjes kollha tal-kawza odjerna.

9. Salv eccezzjonjiet ohra.

Bl-ispejjes kollha kontra r-rikorrenti li hu ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

**FATTI U KONSIDERAZZJONIJIET**

Din il-kawza hija mixja ma' kawza ohra fl-ismijiet inversi **AB vs CB , Rikors Numru 32/17** u ghalhekk il-provi u l-konsiderazzjonijiet hemm maghmula f'dik il-kawza qedghin japplikaw ghall-kawza odjerna.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba in parte, stante li tippronunzja s-separazzjoni personali, izda ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess attur.

2. Tichad it-tieni talba attrici.

3. Tilqa' t-tielet u r-raba' talba attrici u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif indikat fil-kawza fl-ismijiet inversi **AB vs CB, Rikors Numru 32/17.**

4. Tichad il-hames talba, izda tordna li jkun hemm access ezercitat fl-Agenzija Appogg taht supervizjoni kull nhar ta' Sibt bejn 12.00 pm u s-1.15 pm jew hin verjuri.

5. Tichad is-sitt talba attrici.

6. Tilqa' s-seba' talba attrici.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-medjazzjoni li ghandhom jigu ssopportati mill-attur.

Onor. Anthony G. Vella
**Imhallef**

Cettina Gauci
**Deputat Registratur**